



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2010/0282(COD)

15.2.2011

EMENDI 16 - 17

Abbozz ta' opinjoni
Maria Eleni Koppa
(PE456.623v01-00)

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar
dwar l-arranġamenti ta' aċċess għas-servizz pubbliku rregolat offrut mis-
sistema dinjija ta' navigazzjoni bis-satellita li ġiet stabbilita mill-programm
Galileo

Proposta għal deċiżjoni
(COM(2010)0550 – C7-0318/2010 – 2010/0282(COD))

AM_Com_LegOpinion

Emenda 16

Reinhard Bütikofer f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Il-Kunsill indika bosta drabi li s-sistema li ġiet stabbilita mill-programm Galileo hija sistema ċivili taħt kontroll ċivili, jiġifieri mwettqa skont standards ċivili minn eżiġenzi ċivili u taħt il-kontroll tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

Emenda

(3) Il-Kunsill indika bosta drabi li s-sistema li ġiet stabbilita mill-programm Galileo hija sistema ċivili taħt kontroll ċivili, jiġifieri mwettqa skont standards ċivili minn eżiġenzi ċivili u taħt il-kontroll tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. ***Huwa mħasseb dwar il-fatt li l-Kummissjoni Ewropea issa qed tindika li s-settur tad-difiża se jkun is-settur li se juża l-ikbar volum ta' riċevituri PRS u li, minbarra r-Renju Unit u l-Ġermanja, l-Istati Membri kollha jippjanaw applikazzjonijiet PRS fis-settur tad-difiża nazzjonali tagħhom; jiddispijaciħ dwar il-fatt li d-dominanza fl-użu militari tal-PRS ġiet innegata għal bosta snin, kemm mill-Kunsill kif ukoll mill-Kummissjoni, iżda issa tidher li qed issir realtà.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Since the late 90ies the European Commission communicated to the Council, European Parliament and the wider public, that Galileo and its different services is designed for purely civilian use. In its 2000 Communication the Commission stated that “Galileo is a non-military programme. Its coverage is global and it provides three services” (page 40). Also in the context of Public Regulated Services the 2000 Commission Communication remained silent: “Of particular concern are applications intended for air and sea navigation, the management and regulation of road and rail traffic, the emergency services, road tolls, controlled access to towns and cities, transport of dangerous substances, carriage and monitoring of dangerous persons, humanitarian operations and, lastly, the registration of black boxes” (page 13). In 2011, the Commission continued to promote the idea that Galileo is designed for “civil use” (page 2). But from Commission document COM(2010) 550 final and the charts on pages 6 and 7 it now becomes clear that military use is the dominant element within PRS and that, with the exception of two member states all European nations

seek to use PRS for defence and by far the most PRS receivers will be purchased by member states' armed forces.

Emenda 17
Sabine Lösing

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Il-Kunsill indika bosta drabi li s-sistema li ġiet stabbilita mill-programm Galileo hija sistema ċivili taħt kontroll ċivili, jgħidli m'għadli skont standards ċivili minn eżiġenzi ċivili u taħt il-kontroll tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

Emenda

(3) Il-Kunsill indika bosta drabi li s-sistema li ġiet stabbilita mill-programm Galileo hija sistema ċivili taħt kontroll ċivili, jgħidli m'għadli skont standards ċivili minn eżiġenzi ċivili u taħt il-kontroll tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, ***b'hekk is-Sistema Galileo u b'mod partikolari l-PRS m'għandhomx jintużaw għal skopijiet militari, partikolarment mhux għal missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tenfasizza l-karattru ċivili tas-Sistema Galileo u teskludi l-użu militari tal-Galileo/il-PRS.

Emenda 18

Reinhard Bütikofer f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 3 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3 b) Hu mportanti li wieħed jinnota li s-servizzi offruti mill-PRS jista' jkollhom rwol importanti għal diversi sistemi ta' armi, speċjalment f'dak li jirrigwarda

navigazzjoni u ggwidar u għalhekk huwa importanti li l-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u Stati Membri tal-Unjoni Ewropea jimxu mat-Trattat tal-1967 dwar l-Ispazju u li Stati Membri tal-UE u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jżidu l-isforzi tagħhom għal reviżjoni possibbli tal-qafas legali internazzjonali, jew alternattivament, għal trattat ġdid li jieħ u in kunsiderazzjoni l-progress teknoloġiku mis-sittinijiet u jipprevjeni b'mod effettiv tellieqa tal-armi fl-ispazju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Considering that PRS will mainly be used by member states' armed forces as stated in COM(2010) 550 final pages 6 and 7, PRS and the Galileo program need to be put in the perspective of the 1967 Outer Space Treaty as satellites and receivers may play a part in complex weapons systems. The EU should not follow the examples of the USA, Russia and China, all of which possess satellite based weapons systems or are in the process of creating such capabilities and contribute to an arms race in the outer space, which is not in accordance with the spirit of the 1967 Treaty. Moreover, the EU should play a part in the creation of an international legal instrument that addresses current technical developments and prevents the further militarisation of space.

Emenda 19

Reinhard Bütikofer f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Il-PRS huwa, fost is-servizzi diversi offruti mis-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita, is-servizz li huwa kemm l-aktar sikur kif ukoll l-aktar sensittiv. Huwa għandu jiżgura, għall-benefiċċju tal-utenti tiegħu, kontinwità ta' servizz anke fis-sitwazzjonijiet ta' kriżi l-

Emenda

(4) Il-PRS huwa, fost is-servizzi diversi offruti mis-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita, is-servizz li huwa kemm l-aktar sikur kif ukoll l-aktar sensittiv. Huwa għandu jiżgura, għall-benefiċċju tal-utenti tiegħu, kontinwità ta' servizz anke fis-sitwazzjonijiet ta' kriżi l-

aktar serji. Il-konsegwenzi ta' infrazzjoni tar-regoli ta' sigurtà waqt l-użu ta' dan is-servizz m'għandhomx ikunu limitati għall-utent ikkonċernat, iżda għandhom jiġu estiżi potenzjalment għal utenti oħra. L-użu u l-ġestjoni tal-PRS għalhekk għandhom jaqaw taħt ir-responsabbiltà komuni tal-Istati Membri għas-sigurtà tal-Unjoni Ewropea u s-sigurtà tagħhom stess. F'dan il-kuntest, l-aċċess għall-PRS għandu jkun limitat b'mod strett għal ċertu kategoriji ta' utenti li jkunu soġġetti għal kontroll permanenti.

aktar serji. *Dan hu biss possibbli jekk wieħed jista' teknikament jipprevjeni li l-ebda attur maġġuri fil-qasam tal-ispazju u n-navigazzjoni bħall-Istati Uniti tal-Amerika jew ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ma jkunu jistgħu jimmodifikaw, ifixklu jew saħansitra jeqirdu lil Galileo jew il-komponenti tiegħu.* Il-konsegwenzi ta' infrazzjoni tar-regoli ta' sigurtà waqt l-użu ta' dan is-servizz m'għandhomx ikunu limitati għall-utent ikkonċernat, iżda għandhom jiġu estiżi potenzjalment għal utenti oħra. L-użu u l-ġestjoni tal-PRS għalhekk għandhom jaqaw taħt ir-responsabbiltà komuni tal-Istati Membri għas-sigurtà tal-Unjoni Ewropea u s-sigurtà tagħhom stess. F'dan il-kuntest, l-aċċess għall-PRS għandu jkun limitat b'mod strett għal ċertu kategoriji ta' utenti li jkunu soġġetti għal kontroll permanenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hemm dubju sinifikanti dwar jekk l-UE għandhiex l-abbiltà politika u teknika sabiex tassigura "kontinwità fis-servizz" f'kull sitwazzjoni ta' kriżi għax hu maġħruf sew li għallanqas l-Istati Uniti għandha l-kapaċità li timblokka severament is-sinjali tas-sistema tal-UE.

Emenda 20 **Petru Constantin Luhan**

Proposta għal deċiżjoni **Premessa 8**

Test propost mill-Kummissjoni

(8) B'mod ġenerali, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu minn kollox sabiex jiżguraw is-sikurezza u s-sigurtà tas-sistema stabbilita mill-programm Galileo u tat-teknoloġiji u t-tagħmir tal-PRS, biex jiġi evitat l-użu tas-sinjali maħruġa għall-PRS minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi mhux

Emenda

(8) B'mod ġenerali, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu minn kollox sabiex jiżguraw is-sikurezza u s-sigurtà tas-sistema stabbilita mill-programm Galileo u tat-teknoloġiji u t-tagħmir tal-PRS, biex jiġi evitat l-użu tas-sinjali maħruġa għall-PRS minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi mhux

awtorizzati u biex jiġi projbit użu tal-PRS li jista' jkun ta' ħsara għalihom.

awtorizzati u biex jiġi projbit użu tal-PRS li jista' jkun ta' ħsara għalihom. ***B'hekk għandha tiġi introdotta sistema Ewropea ta' sorveljanza.***

Or. ro

Emenda 21

Maria Eleni Koppa, Zuzana Roithová

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) F'dan ir-rigward, ***l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw*** l-iskema ta' ***sanzjonijiet applikabbli*** fil-każ ta' nuqqas ta' rispett tal-obbligi li jirriżultaw minn din id-Deċiżjoni ***u*** jiżguraw li dawk is-sanzjonijiet jiġu applikati. ***Is-sanzjonijiet*** għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi.

Emenda

(9) F'dan ir-rigward ***hu mportanti li l-Kummissjoni tiddetermina*** l-iskema ta' ***miżuri amministrattivi*** applikabbli fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi li jirriżultaw minn din id-Deċiżjoni, ***filwaqt li l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw liema sanzjonijiet japplikaw meta jiġu miksura dispożizzjonijiet nazzjonali li ġew adottati skont din id-Deċiżjoni.*** ***L-Istati Membri għandhom*** jiżguraw li dawk is-sanzjonijiet ***u miżuri amministrattivi*** jiġu applikati. ***Fil-każijiet kollha, il-miżuri amministrattivi u s-sanzjonijiet*** għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi. ***Jekk jiġu imposti miżuri amministrattivi jew sanzjonijiet, id-dritt tal-appell għall-individwu jew entità akkużata għandu jiġi garantit.***

Or. en

Emenda 22

Reinhard Bütikofer f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Il-Kunsill huwa wkoll mħeġġeġ li jkollu rwol fil-ġestjoni tal-PRS minn naħa permezz tal-applikazzjoni tal-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/552/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar aspetti tal-operazzjoni tas-sistema Ewropea tar-radjunavigazzjoni bis-satellita li jaffetwaw s-sigurtà tal-Unjoni Ewropea, u min-naħa l-oħra permezz tal-approvazzjoni tal-Ftehimiet nazżjonali li jawtorizzaw lil Stat terz jew organizzazzjoni internazzjonali juża l-PRS.

Emenda

(12) Il-Kunsill huwa wkoll mħeġġeġ li jkollu rwol fil-ġestjoni tal-PRS minn naħa permezz tal-applikazzjoni tal-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/552/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar aspetti tal-operazzjoni tas-sistema Ewropea tar-radjunavigazzjoni bis-satellita li jaffetwaw s-sigurtà tal-Unjoni Ewropea, u min-naħa l-oħra permezz tal-approvazzjoni tal-Ftehimiet nazżjonali li jawtorizzaw lil Stat terz jew organizzazzjoni internazzjonali juża l-PRS. ***Għandu jkun innutat li t-tmexxija tas-sikurezza tibqa' dubjuża f'każ ta' attakk immedjat minn stat ostili jew attur non-statali kontra l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha jew pajjiżi sħab li jużaw PRS jew servizzi oħra ta' Galileo. Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK għandha tiġi modifikata sabiex tidħol f'iktar dettall dwar il-kwisjoni jekk ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni għandux id-dritt li jinterrompi jew jimmodifika s-servizz b'mod sinifikanti mingħajr iktar konsultazzjoni f'każ ta' theddida immedjata.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proċeduri stipulati fl-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK mhumiex adegwati għal sitwazzjoni li teħtieġ azzjoni immedjata. Tista' tkun meħtieġa azzjoni f'każ li stat ostili jew attur non-statali juża riċevitur misruq għall-iggwidar tar-rota ta' missila li għandha WMD jew għall-anqas l-hekk magħrufa 'dirty bomb'.

Emenda 23

Anneli Jäätteenmäki

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Rigward il-manifattura u s-sigurtà tar-riċevituri, l-obbligi ta' sigurtà jeħtieġu li dan il-kompitu jista' jitħalla biss f'idejn Stat Membru li **jista' juża l-PRS** jew f'idejn impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru li **jista' juża l-PRS**. Barra minn hekk, l-entità li tipproduċi riċevituri għandha tkun ġiet awtorizzata kif xieraq minn qabel mill-aġenzija tal-GNSS Ewropea stabbilita bir-Regolament (KE) Nru xxx/2010⁹ u għandha tikkonforma mar-regoli stabbiliti mill-awtorità ta' approvazzjoni mwaqqfa fi ħdan din l-aġenzija. L-Awtoritajiet PRS responsabbli għandhom jikkontrollaw kontinwament ir-rispett kemm tal-istandards ta' approvazzjoni maħruġa minn din l-awtorità ta' approvazzjoni kif ukoll tal-eżiġenzi tekniċi partikolari li jirriżultaw mill-istandards komuni minimi.

Emenda

(13) Rigward il-manifattura u s-sigurtà tar-riċevituri, l-obbligi ta' sigurtà jeħtieġu li dan il-kompitu jista' jitħalla biss f'idejn Stat Membru li **ngħatatlu awtorità kompetenti tal-PRS** jew f'idejn impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru li **għe mogħti Awtorità PRS kompetenti**. Barra minn hekk, l-entità li tipproduċi riċevituri għandha tkun ġiet awtorizzata kif xieraq minn qabel mill-aġenzija tal-GNSS Ewropea stabbilita bir-Regolament (KE) Nru xxx/2010⁹ u għandha tikkonforma mar-regoli stabbiliti mill-awtorità ta' approvazzjoni mwaqqfa fi ħdan din l-aġenzija. L-Awtoritajiet PRS responsabbli għandhom jikkontrollaw kontinwament ir-rispett kemm tal-istandards ta' approvazzjoni maħruġa minn din l-awtorità ta' approvazzjoni kif ukoll tal-eżiġenzi tekniċi partikolari li jirriżultaw mill-istandards komuni minimi.

Or. en

Emenda 24

Reinhard Bütikofer f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 2 – paragrafu 7 – inċiż 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- Il-pajjiż mhux membru jew organizzazzjoni internazzjonali tirrispetta t-tmien kriterji tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar l-Esportazzjoni tal-Armi stabbilita fil-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir

*militari*¹, u

¹ *OJ L 335, 13.12.2008, p. 99.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-esportazzjoni tat-teknoloġija Galileo u tal-komponenti meħtieġa għall-użu tal-PRS għandhom ikunu strettament konformi mat-tmien kriterji tal-hekk imsejħa kodiċi tal-kondotta dwar esportazzjonijiet tal-armi għax il-PRS jista' jkollha rwol importanti f'numru ta' sistemi kumplessi tal-armi.

Emenda 25
Zuzana Roithová

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 7 – inċiż 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- L-istat terz jew organizzazzjoni internazzjonali tirrispetta d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-individuabbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, il-protezzjoni tat-twemmin reliġjuż, ir-rispett lejn id-dinjità umana, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett tal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u l-liġi internazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li stati mhux membri jew organizzazzjonijiet internazzjonali jkollhom aċċess għall-PRS biss jekk jirrispettaw il-prinċipji fundamentali bbażati fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu I tat-Titlu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, peress li l-PRS m'għandhiex tiġi użata ħażin minn terzi stati bi gvernijiet ripressivi, totalitarji jew awtoritarji.

Emenda 26
Anneli Jäätteenmäki

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Jekk ikun jidher li xi dejta relatata mal-PRS tkun ġiet imxerrda lil terzi mhux awtorizzati li jkunu jafuha, il-Kummissjoni għandha **tiftaħ investigazzjoni**, tinforma **lill-Kunsill u l-Parlament bir-riżultati tal-investigazzjonijiet tagħha** u tadotta miżuri li jirrimedjaw il-**konsegwenzi ta' dan it-tixrid irregolari**.

Emenda

3. Jekk ikun jidher li dejta relatata mal-PRS tkun ġiet imxerrda lil terzi mhux awtorizzati li jkunu jafuha, il-Kummissjoni għandha **tieħu miżuri adegwati sabiex taċċerta li l-ksur ma jkomplix u għandha:**

(a) tinforma **lill-oriġinatur**;

(b) tevalwa d-dannu potenzjali kkawżat **lill-interessi tal-UE jew tal-**

Istati Membri;

(c) tadotta miżuri adegwati li **jipprevjenu li l-ħaġa tirrepeti ruħha; u**

(d) tinnotifika **lill-awtoritajiet responsabbli dwar l-azzjoni li ttieħdet.**

Or. en

Emenda 27
Maria Eleni Koppa, Zuzana Roithová

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Sanzjonijiet

Emenda

Sanzjonijiet **u miżuri amministrattivi**

Or. en

Emenda 28
Zuzana Roithová

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Stati Membri għandhom jistabilixxu l-iskema ta' sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati b'applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. ***Is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.***

Emenda

Stati Membri għandhom jistabilixxu l-iskema ta' sanzjonijiet ***u miżuri amministrattivi*** applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati bl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom jiġu intitolati li jistabilixxu minn qabel mhux biss sanzjonijiet fuq il-bażi ta' liġi kriminali, iżda wkoll miżuri ta' natura amministrattiva.

Emenda 29
Maria Eleni Koppa, Zuzana Roithová

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 5 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tiddetermina liema miżuri amministrattivi huma applikabbli meta jkun hemm ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni attwali minn xi wieħed mill-utenti tal-PRS.

Or. en

Emenda 30
Zuzana Roithová

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 5 – paragrafu 1 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fil-każ ta' pajjiżi mhux membri jew organizzazzjonijiet internazzjonali, il-ftehim imsemmi f'Artikolu 2(7) se jipprovi sanzjonijiet u miżuri amministrattivi f'każ ta' ksur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda żżid l-element importanti ta' sanzjonijiet amministrattivi li jakkumpanjaw is-sanzjonijiet tal-ftehimiet mal-istati terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Emenda 31

Maria Eleni Koppa, Zuzana Roithová

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 5 – paragrafu 1 c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-ipperikolar tas-sikurezza tas-sistema jista' jwassal għat-tneħħija tal-awtorizzazzjoni għall-aċċess. Jekk jiġu imposti miżuri amministrattivi, għandu jiġi garantit id-dritt tal-appell għall-individwu jew l-entità akkużata.

Or. en

Emenda 32

Zuzana Roithová

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Bħala operatur taċ-ċentru ta' sigurtà

4. Bħala operatur taċ-ċentru ta' sigurtà

msemmi fl-inċiż ii) tal-punt a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 683/2008 (minn issa 'l quddiem "ċentru ta' sigurtà"), l-aġenzija tal-GNSS Ewropea tista' tiġi maħtura bħala Awtorità PRS responsabbli minn utent tal-PRS.

msemmi fl-inċiż ii) tal-punt a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 683/2008 (minn issa 'l quddiem "ċentru ta' sigurtà"), l-aġenzija tal-GNSS Ewropea tista' tiġi maħtura bħala Awtorità PRS responsabbli minn utent tal-PRS. ***L-Aġenzija tal-GNSS Ewropea għandha taġixxi bħala l-Awtorità PRS maħtura għall-Kunsill, il-Kummissjoni u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea.***

Or. en

Emenda 33
Zuzana Roithová

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 6 – paragrafu 7 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7 a. L-Awtoritajiet PRS kompetenti għandhom jirrappurtaw regolament dwar il-konformità mal-istandards minimi komuni lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-GNSS Ewropea.

Or. en

Emenda 34
Zuzana Roithová

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 6 – paragrafu 7 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7 b. Il-Kummissjoni għandha, bl-għajnuna tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea, tirrapporta annwalment dwar il-konformità tal-Awtoritajiet PRS kompetenti mal-istandards minimi komuni lill-Parlament u lill-Kunsill.

Emenda 35
Zuzana Roithová

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 6 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. Meta Awtorità PRS responsabbli ma tikkonformax mal-istandards komuni minimi, il-Kummissjoni tista' titlob għall-użu, minn din l-Awtorità, tal-mezzi tekniċi tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea.

Emenda

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija)

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tapplika biss għat-traduzzjoni Ċeka.

Emenda 36
Anneli Jäätteenmäki

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kull Stat Membru li **jirrikorri għall-PRS** jista' jew jiżgura huwa stess, jew jafda lil impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru li juża l-PRS, il-manifattura tar-riċevituri PRS u tal-moduli ta' sigurtà assoċjati. Il-Kunsill jew il-Kummissjoni jistgħu jafdaw lil Stat Membru li **jirrikorri għall-PRS** jew lil impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru li **juża l-PRS**, il-manifattura tar-riċevituri PRS u tal-moduli ta' sigurtà assoċjati.

Emenda

1. Kull Stat Membru li **jkun ħatar Awtorità PRS kompetenti** jista' jimmanifattura riċevituri PRS u l-moduli tas-sigurtà assoċjati magħhom huwa stess, jew inkella jassenja x-xogħol lil intrapriżi stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru li għandu Awtorità PRS kompetenti maħtura. Il-Kunsill jew il-Kummissjoni jistgħu jafdaw lil Stat Membru li għandu Awtorità PRS kompetenti jew lil impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru li juża l-PRS, il-manifattura ta' riċevituri PRS

u l-moduli tas-sigurtà assoċjati magħhom lil Stat Membru li ***għandu Awtorità PRS kompetenti maħtura***, jew lil intrapriżi stabbiliti fuq it-territorju ta' Stat Membru li ***għandu awtorita PRS kompetenti maħtura***.

Or. en

Emenda 37
Zuzana Roithová

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-awtorità ta' approvazzjoni tas-sigurtà tas-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita tista' fi kwalunkwe mument tirtira l-awtorizzazzjoni mogħtija lil entità msemija fl-ewwel paragrafu biex timmanifattura riċevituri PRS u moduli ta' sigurtà assoċjati jekk jidher li l-miżuri previsti fil-paragrafu 3 ma jkunux ġew sodisfatti.

Emenda

5. L-awtorità ta' approvazzjoni tas-sigurtà tas-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita tista' fi kwalunkwe mument tirtira l-awtorizzazzjoni mogħtija lil entità msemija fl-ewwel paragrafu biex timmanifattura riċevituri PRS u moduli ta' sigurtà assoċjati jekk jidher li l-miżuri previsti fil-paragrafu 3 ma jkunux ġew sodisfatti. ***Id-deċiżjoni dwar l-irtirar tal-awtorizzazzjoni se tkun suġġetta għal appell. F'każ ta' pperikolar tas-sigurtà ta' sistema bbażata fuq l-atti preċedenti, kurrenti jew potenzjali tal-entità li saret referenza għaliha fil-paragrafu 1, il-proċedura tal-appell m'għandhiex effett ta' sospensjoni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-prinċipji standard tal-liġi Ewropea, hu essenzjali għal kull individwu jew entità akkużati li jkollhom id-dritt jappellaw id-deċiżjoni dwar l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, iżda proċedura tal-appell bħal din m'għandux ikollha effett ta' sospensjoni f'każ ta' raġunijiet ta' sigurtà.

Emenda 38
Petru Constantin Luhan

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 8 – paragrafu 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Is-sistemi u l-moduli għandhom ikunu flessibbli sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet li dejjem qed jiżdiedu maż-żmien.

Or. ro

Emenda 39
Zuzana Roithová

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Stat terz li fit-territorju tiegħu jkun hemm stabbilit post ta' referenza li fih xi tagħmir tal-PRS u li jaqa' taħt is-sistema stabbilita mill-programm Galileo m'għandux jitqies, fuq il-bażi ta' dan il-fatt biss, bħala utent tal-PRS. Il-Kummissjoni għandha tistabilixxi ma' dan l-Istat terz l-arranġamenti ta' stabbiliment u ta' funzjonament tal-post ta' referenza li fih xi tagħmir tal-PRS.

Stat terz li fit-territorju tiegħu jkun hemm stabbilit post ta' referenza li fih xi tagħmir tal-PRS u li jaqa' taħt is-sistema stabbilita mill-programm Galileo m'għandux jitqies, fuq il-bażi ta' dan il-fatt biss, bħala utent tal-PRS. Il-Kummissjoni għandha tistabilixxi ma' dan l-Istat terz l-arranġamenti ta' stabbiliment u ta' funzjonament tal-post ta' referenza li fih xi tagħmir tal-PRS. ***Dawn ir-regoli dettaljati għandhom jinkludu l-possibiltà ta' aċċess għall-istazzjon ta' referenza għal skopijiet ta' kontroll tal-entitajiet Ewropej responsabbli.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Entitajiet Ewropej tal-kontroll għandu jkollhom aċċess garantit għall-istazzjon ta' referenza fi stati terzi għal skopijiet ta' kontroll.

Emenda 40
Zuzana Roithová

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 11 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 11a

Finanzjament

Il-Kummissjoni, bl-ġhajnuna tal-Istati Membri, se tipproponi l-mudell korrett tal-finanzjament tal-PRS. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta l-qafas finanzjarju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport għandu jelenka l-ispejjeż eżatti dwar kif il-PRS se jkun kopert.

Or. en

Emenda 41
Zuzana Roithová

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 11 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 11b

Konsultazzjonijiet u trasferiment tal-Poteri

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet biex l-Aġenzija Ewropea GNSS tista' tkun involuta fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-PRS fl-iktar żmien qasir possibbli. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta, jekk hu neċessarju, lill-Aġenzija Ewropea GNSS dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-PRS u l-Kummissjoni għandha tittrasferixxi l-poteri konnessi mal-PRS lill-Aġenzija Ewropea GNSS appena jkun possibbli, iżda biss jekk ikun il-każ li dawn il-poteri jistgħu jitħaddmu effettivament b'dak il-

mod.

Or. en

Emenda 42
Sabine Lösing

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat f'perjodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dan il-perjodu għandu jiġi estiż **b'xahar**.

Emenda

1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat f'perjodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perijodu għandu jiġi estiż **b'xahrejn**.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tikkoreġi l-estensjoni taż-żmien li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill se jkollhom sabiex joġġezzjonaw għal atti delegati, kif ġiet adottata fit-tieni qari tal-istrumenti finanzjarji esterni.

Emenda 43
Zuzana Roithová

Proposta għal deċiżjoni
Anness – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Billi l-għarfien ta' **inċident** li jaffettwa s-sigurtà tal-PRS, bħal pereżempju s-serq jew it-telf ta' riċevitur huwa essenzjali, kull awtorità PRS responsabbli għandha timplimenta l-mezzi li jippermettu li jiġi skopert u korreġut tali **inċident** u li jiġi rrapportat liċ-Ċentru ta' Sigurtà.

Emenda

6. Billi l-għarfien ta' **avveniment** li jaffettwa s-sigurtà tal-PRS, bħal pereżempju s-serq jew it-telf ta' riċevitur huwa essenzjali, kull awtorità PRS responsabbli għandha timplimenta l-mezzi li jippermettu li jiġi skopert u korreġut tali **avveniment** u li jiġi rrapportat liċ-Ċentru ta' Sigurtà.

Ġustifikazzjoni

It-terminu "avveniment" hu iktar konsistenti mal-kumpliment tat-test leġiżlattiv u jkopri kemm sitwazzjonijiet ta' atti intenzjonati u mhux intenzjonati.

Emenda 44
Zuzana Roithová

Proposta għal deċiżjoni
Anness 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Billi l-għarfien ta' **inċident** mhux volontarju li jaffettwa s-sigurtà tal-PRS (bħal pereżempju s-serq jew it-telf ta' riċevitur) huwa essenzjali, kull awtorità PRS responsabbli għandha timplimenta l-mezzi li jippermettu li jiġi skopert u korreġut tali **inċident** u li jiġi rrapportat liċ-Ċentru ta' Sigurtà.

Emenda

6. Billi l-għarfien ta' **avveniment** li jaffettwa s-sigurtà tal-PRS, bħal pereżempju s-serq jew it-telf ta' riċevitur huwa essenzjali, kull awtorità PRS responsabbli għandha timplimenta l-mezzi li jippermettu li jiġi skopert u korreġut tali **avveniment** u li jiġi rrapportat liċ-Ċentru ta' Sigurtà.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tapplika biss għat-traduzzjoni Ċeka.

[Nota mit-traduttur Inġliż: Fit-test Ċek tal-proposta tal-Kummissjoni, l-ewwel użu tat-terminu 'inċident' fil-punt 6 hu preċedut mill-kelma 'mhux intenzjonat'.] Fid-dawl tal-fatt li s-serq, li hu att kriminali intenzjonat, hu msemmi fil-lista tal-inċidenti, it-terminu 'inċident' [jew biċ-Ċek 'inċident mhux intenzjonat'] mhuwiex espressjoni appropjata. Minħabba verżjonijiet oħra tal-lingwi, ikun iktar adegwat li jintuża t-terminu 'avveniment', li hu konformi mal-bqija tat-test leġiżlattiv u jkopri kemm atti intenzjonati u wkoll dawk mhux intenzjonati.